# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Spiteri)**
**vs**
**Karen Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Karen Sciberras, u detentrici tal-karta tal-identita' 159273M.

Akkuzata talli nhar l-1 ta' Ottubru, 2010 ghall-habta ta' 12:15hrs waqt li kien gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma' sarx, inkella bil-qerq holqot tracci b'reat mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil dinil-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi x-xhud principali f'dawn il-proceduri, Wilfred Sciberras, li huwa r-ragel ta'l-imputata[1] ghazel li jipprevalixxi ruhu mill-fakolta li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Aktar minn hekk huwa iddikjara li huwa hafer lill-imputata ghal dak li setghet ghamlet u li m'ghandux interess f'dawn il-proceduri.

Illi fin-nuqqas tad-depozizzjoni ta'l-imsemmi Wilfred Sciberras hija nieqsa l-aktar prova importanti in sostenn ta'l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata, liema imputazzjoni ghalhekk ma tistax tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tilliberaha minnha.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[1] Ghalkemm huma separati.